# Tiġġedded l-iskema li tinċentiva x-xiri ta' vetturi elettriċi - TVM

Lokali

## Tiġġedded l-iskema li tinċentiva x-xiri ta’ vetturi elettriċi

Mtella' 15 Ta' Ġunju, 2016




Transport Malta flimkien mal-Ministeru tat-Trasport ġeddu l-iskema li tinċentiva x-xiri ta’ vetturi elettriċi li jaħdmu bil-batterija. Għaldaqstant ġew allokati €100,000 għal din l-iskema, li ġiet ukoll estiża biex tinkludi l-kunsilli lokali.

Fi stqarrija Transport Malta qalet li dawk il-persuni li jirreġistraw karozza elettrika ġdida jirċievu għotja ta’ €4,000, filwaqt li dawk li jirreġistraw quadricyle tal-elettriku jirċievu għotja ta’ €2,000. Intqal ukoll il f’każijiet li persuni jiskreppjaw karozza li taħdem bil-fuel li għandha mill-anqas 10 snin u jirreġistraw waħda elettrika ġdida, jirċievu għotja ta’ €7,000. L-iskema tkopri wkoll għal karozzi elettriċi ġodda u second hand, li m’għandhomx aktar minn 12,000 kilometru fuq l-arloġġ u m’għandhomx aktar minn sena.

Intqal li din l-iskema saret biex tinċentiva l-bejgħ ta’ karozzi elettriċi u wkoll quadricycles, kif ukoll biex tnaqqas il-karozzi qodma mit-toroq, u tippromwovi l-użu ta’ vetturi li ma jniġġsux.

Email